# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Dolores Cutajar**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Dolores Cutajar**, li għandha l-karta tal-identita bin-numri 442871M li permezz tagħha hija ġiet akkużata talli fl-10 t'Ottubru 2015 għall-ħabta tat-03:15 fi Vjal il-Kottoner il-Fgura :

(a) bil-ħsieb li ttellef jew li tnaqqas il-ġieħ ta' Joseph Zammit weġgħatu bi kliem, b'ġesti jew b'mod ieħor;

(b) ħebbet għal Joseph Zammit sabiex tinġurjah, iddejqu jew tagħmillu ħsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi prodotti sad-data tas-seduta de quo.

Il-Qorti rat ukoll li l-parte civile iddikjara li huwa jinsab imputat b'akkużi mnissla minn fatti relatati ma' dan il-każ, liema kawża tinsab appuntata fuq il-lista tal-lum stess. Minħabba f'hekk il-parte civile talab lill-Qorti sabiex teżentah milli jixhed f'din il-kawża minħabba li fid-dawl tal-grad t'involviment tiegħu fl-istess fatti tal-każ, bit-tweġibiet għal-mistoqsijiet li kienu sejrin isirulu kien sejjer jinkrimina lilu nnifsu.

Minbarra dan il-parte civile iddikjara li huwa rrinunzja għall-kwerela li kien għamel u għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat, safejn tali azzjoni hija rinunzjabbli, u dan stante li kien ħafer lill-imputat.

L-imputata ddikjarat li kienet qed aċċetta tali rinunzja.

Il-Prosekuzzjoni iddikjarat li apparti dawk prodotti ġja prodotti ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi f'dan il-kaz u għalhekk iddikjarat il-provi tagħha magħluqa.

***<u>Ikkunsidrat :</u>***

Illi l-proċediment tal-azzjoni penali f'dan il-każ ġie meħud *ex officio* mill-Pulizija Ezekuttiva u il diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fosthom il-"Il-Pulizija vs. Emanuel Sammut" deċiża nhar id-9

ta' Novembru 2011, nonche d-digriet tal-istess Qorti fil-kawża "Il-Pulizija vs Raymond Sciberras" tas-6 ta' Frar 1992.

Rat ukoll li f'dan il-każ, m'hemmx provi suffiċjenti biex il-Qorti tkun tista ssib ħtija fl-imputata.

Għaldaqstant il-Qorti, wara li inter alia rat l-Artikolu 39(10) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikoli 545(1) u 636(b) tal-Kodiċi Kriminali qiegħda ssib lill-imputata mhux ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħha minħabba li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi sabiex tinstab ħtija u għalhekk qiegħda tilliberaha minn kull ħtija u piena.

***Mogħtija illum is-26 t'April 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***